DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Diċembru 2010

dwar l-iffissar ta' kriterji għall-użu ta' metodi teknoloġiċi minn trasportaturi tal-gass naturali likwifikat bħala alternattiva għall-użu ta' karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit baxx li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4b tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi kif emendata bid-Direttiva 2005/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontenut ta' kubrit f'karburanti għal użu marittimu

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8753)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/769/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi [1] kif emendata bid-Direttiva 2005/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4c tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 4b tad-Direttiva jirrikjedi li mill-1 ta' Jannar 2010, il-bastimenti li jkunu fl-irmiġġ fil-portijiet tal-Komunità ma jużawx karburanti għal użu marittimu li jkollhom kontenut ta' kubrit li jeċċedi 0,1 % skont il-massa. Madankollu, dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-karburanti li jintużaw abbord bastimenti li jużaw teknoloġiji approvati ta' tnaqqis ta' emissjonijiet skont l-Artikolu 4c.

(2) L-Artikolu 4c(4) jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-bastimenti jużaw teknoloġija approvata għat-tnaqqis tal-emissjonijiet bħala alternattiva għall-użu ta' karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit baxx li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4b, kemm-il darba dawn il-bastimenti kontinwament jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun mill-inqas ekwivalenti għal dak li għandu jinkiseb permezz tal-limiti fuq il-kubrit fil-karburant speċifikati fid-Direttiva;

(3) L-Artikolu 4c(3) jipprovdi għall-iffissar ta' kriterji għall-użu ta' metodi teknoloġiċi, minn bastimenti ta' kull bandiera f'portijiet u estwarji magħluqa fil-Komunità skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva. Dawn il-kriterji għandhom jiġu kkomunikati lill-IMO.

(4) Spiss, it-trasportaturi tal-gass naturali likwifikat (LNG) ikunu mgħammra b'bojlers li jużaw taħlita ta' żewġ tipi ta' karburant, gass li jevapora ("boil-off gas") u żejt tal-karburant dens, għall-propulsjoni u għal operazzjonijiet relatati mal-merkanzija. Sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva, il-biċċa l-kbira tat-trasportaturi tal-LNG li jidħlu f'portijiet tal-UE jistgħu jużaw teknoloġiji ta' tnaqqis ta' emissjonijiet li jużaw taħlita ta' karburanti għal użu marittimu u ta' "boil-off gas" biex jipproduċu emissjonijiet b'kontenut ta' kubrit ta' 0,1 % jew inqas.

(5) Għat-tul taż-żmien, il-"boil-off gas" jista' jintuża bħala l-karburant primarju waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ, u b'hekk l-emissjonijiet ikollhom kontenut ta' kubrit inqas minn dak miksub bl-applikazzjoni tal-limiti fuq il-kubrit fil-karburant speċifikati fid-Direttiva.

(6) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju stabbilit skont Artikolu 9(2) tad-Direttiva,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Trasportatur tal-Gass Naturali Likwifikat (Trasportatur tal-LNG) huwa bastiment tal-merkanzija li jkun ġie mibni jew addattat biex jintuża għall-ġarr ta' volum kbir ta' gass naturali likwifikat kif definit skont il-Kodiċi Internazzjonali għall-Bini u t-Tagħmir tal-Bastimenti li jġorru Gass Likwifikat f'Volumi Kbar (Kodiċi IGC).

Artikolu 2

Sabiex jinkiseb l-għan ta' tnaqqis ta' emissjonijiet minn bastimenti permezz ta' metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet permezz ta' karburant għal użu marittimu u "boil-off gas", it-Trasportaturi tal-LNG għandhom jużaw u jirrispettaw il-kriterji ta' kalkoli stipulati fl-Anness.

[1] ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13.
[2] ĠU L 191, 22.7.2005, p. 59.

It-Trasportaturi tal-LNG jistgħu jużaw il-metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet waqt li jkunu fl-irmiġġ f'portijiet Komunitarji, fejn jagħtu żmien biżżejjed biex l-ekwipaġġ iwettaq il-miżuri meħtieġa biex ikun jista' juża taħlita ta' karburant għal użu marittimu u "boil-off gas" kemm jista' jkun immedjatament wara li l-bastiment jasal fil-post tal-irmiġġ u kemm jista' jkun tard qabel ma jitlaq.

Artikolu 3

It-tnaqqis ta' kontenut ta' kubrit fl-emissjonijiet miksub permezz tal-applikazzjoni tal-metodu msemmi fl-Artikolu 2, mill-inqas, għandu jkun ekwivalenti għat-tnaqqis li jista' jinkiseb bl-applikazzjoni tal-limiti fuq il-kubrit fil-karburant speċifikati fid-Direttiva.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jesiġu li t-Trasportaturi tal-LNG li jużaw il-metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet u li jidħlu f'portijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom jipprovdu dettalji fil-ġurnal ta' abbord il-bastiment, li jinkludu t-tip u l-kwantità tal-karburanti li jintużaw abbord il-bastiment. Għal dan il-għan, dawn il-bastimenti għandhom ikunu mgħammra għall-monitoraġġ u l-kejl tal-konsum ta' "boil-off gas" u karburant għal użu marittimu.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimmonitorjaw u jivverifikaw l-użu tal-metodu ta' teknoloġija alternattiva għat-tnaqqis ta' emissjonijiet waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ abbażi tat-tagħrif ipprovdut mit-Trasportaturi tal-LNG dwar it-tnaqqis miksub fir-rigward tal-emissjonijiet.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Siim KALLAS

Viċi-President

ANNESS

1) **Il-formula**

Sabiex tiġi stabbilita l-ekwivalenza fis-sens tal-Artikolu 3, għandha tintuża din il-formula:

$$S_F\ (\%) \cdot M_F \leq 0{,}1\ \% \cdot M_{F0{,}1\ \%}$$

Fejn:

— S_F *(%):* il-perċentwali ta' kontenut ta' kubrit għal kull unità ta' massa ta' karburant għal użu marittimu li tintuża

— M_F: il-massa tal-karburant għal użu marittimu, f'Kg, ikkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ

— $M_{F0,1\ \%}$: il-massa ekwivalenti, f'Kg, ta' karburant b'kontenut ta' kubrit ≤ 0,1 %. Dan il-fattur għandu jinħadem skont din il-formula:

$$M_{F0,1\ \%} = (M_{BOG} \cdot E_{BOG} + M_F \cdot E_F)/E_{F0,1\ \%}$$

Fejn:

— M_{BOG}: il-massa ta' "boil-off gas", f'Kg, ikkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ

— E_{BOG}: il-valur ta' enerġija, f'MJ/Kg, tal-"boil-off gas" użat

— M_F: il-massa tal-karburant għal użu marittimu, f'Kg, ikkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ

— E_F: il-valur ta' enerġija, f'MJ/Kg, tal-karburant għal użu marittimu marittimu li jintuża

— $E_{F0,1\ \%}$: il-valur ta' enerġija, fMJ/Kg, ta' karburant għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit ≤ 0,1 %

Verżjoni 1 tal-formula

Iż-żewġ formuli msemmija hawn fuq jistgħu jiġu kkumbinati f'waħda, hekk:

$$S_F\ (\%) \cdot M_F/(M_{BOG} \cdot E_{BOG} + M_F \cdot E_F) \leq 0{,}1\ \%/E_{F0,1\ \%}$$

Verżjoni 2 tal-formula

Din il-formula tista' tiġi żviluppata aktar, kif ġej:

$$S_F\ (\%)/(R_{G/F} \cdot E_{BOG} + E_F) \leq 0{,}1\ \%/E_{F0,1\ \%}$$

Fejn:

— $R_{G/F}$: il-proporzjon tal-massa tal-"boil-off gas" ma' dik tal-karburant għal użu marittimu kkonsmati waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ (M_{BOG}/M_F)

Din it-tieni verżjoni tal-formula tista' tiġi indikata bil-mod li ġej:

$$R_{G/F} \geq (S_F\ (\%) \cdot E_{F0,1\ \%} - 0{,}1\ \% \cdot E_F)/0{,}1\ \% \cdot E_{BOG}$$

2) **Applikazzjoni tal-formula**

Peress li l-valuri ta' enerġija tad-diversi karburanti għal użu marittimu involuti fil-formula huma kważi l-istess, għall-valuri ta' $E_{F0,1\ \%}$, E_F u E_{BOG} jistgħu jintużaw il-valuri standard, biex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni prattika tal-formula. B'mod partikulari, jistgħu jiġu applikati dawn il-valuri standard ta' enerġija:

$E_{F0,1\ \%}$= 43,0 MJ/Kg (sors: DNV Petroleum Services)

E_F= 40,8 MJ/Kg (source: DNV Petroleum Services)

E_{BOG}= 50,0 MJ/Kg (il-valur ta' enerġija tal-metanu skont l-ISO)

Konsegwentement, il-formula tiġi ssimplifikata kif ġej:

$$R_{G/F} \geq 8{,}6 \cdot S_F\ (\%) - 0{,}816$$

Abbażi ta' dan, l-uniku valur li jkun irid jiddaħħal fil-formula biex jinkiseb il-proporzjon tal-massa tal-"boil-off gas" ma' dik tal-karburant għal użu marittimu kkonsmati ($R_{G/F}$ or M_{BOG}/M_F) huwa l-kontenut ta' kubrit tal-karburant għal użu marittimu kkonsmat waqt li l-bastiment ikun fl-irmiġġ. It-tabella ta' hawn taħt, permezz ta' eżempji, tindika l-proporzjon minimu meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-kriterji għall-karburanti għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit differenti.

Kontenut tal-kubrit (%)	1,0 %	1,5 %	2,0 %	2,5 %	3,0 %	3,5 %
M_{BOG}/M_F	7,8	12,1	16,4	20,7	25,0	29,3